



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 25 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

11832/22

LIMITE

CORLX 750
CFSP/PESC 1085
RELEX 1338
MAMA 164
FIN 1073

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-
Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti
persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/...

ta' ...

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 101/2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

¹ ĠU L 31, 5.2.2011, p. 1.

Billi:

- (1) Fl-4 ta' Frar 2011, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 101/2011.
- (2) Abbażi ta' rieżami mill-Kunsill, jenħtieġ li l-entrati għal seba' persuni u l-informazzjoni dwar id-drittijiet tad-difiża tagħhom u d-dritt tagħhom għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva jitħassru.
- (3) Għalhekk l-Anness I għar-Regolament (UE) Nru 101/2011 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 101/2011 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President

ANNEX

Fit-taqsimiet A u B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 101/2011, jitħassru l-entrati għall-persuni li ġejjin:

- "4. Mohamed Ben Moncef Ben Mohamed TRABELSI";
- "36. Kaïs Ben Slaheddine Ben Ħaj Hamda BEN ALI";
- "37. Hamda Ben Slaheddine Ben Ħaj Hamda BEN ALI";
- "38. Najmeddine Ben Slaheddine Ben Ħaj Hamda BEN ALI";
- "39. Najet Bent Slaheddine Ben Ħaj Hamda BEN ALI";
- "43. Imed Ben Habib Ben Bouali LTAIEF";
- "44. Naoufel Ben Habib Ben Bouali LTAIEF".


